MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Awwissu, 2005

Numru 4/2005

**Anthony Cauchi**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Dan hu provvediment wara r-rikors ta' l-Avukat Generali ta' l-20 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu qed jappella, skond ma jipprovdi s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta' Gunju 2005. Permezz ta' din id-decizjoni, moghtija in segwitu ghal dik li hi komunement imsejha "procedura ta' *challenge* lill-Kummissarju tal-Pulizija", il-Kummissarju tal-Pulizija gie ordnat sabiex "jissokta l-proceduri kriminali kontra Emanuel u Gregory Stellini kif rikjest" fir-rikors ta' l-imsemmi Anthony Cauchi.

Jigi osservat l-ewwelnett li skond is-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, kull decizjoni bhal dik tal-Qorti tal-Magistrati "ghandha tigi notifikata lill-Avukat Generali fi zmien jumejn tax-xoghol mid-data tad-decizjoni". Jidher li bi svista ma saritx dik in-notifika u l-Avukat Generali sar jaf bid-decizjoni biss b'mod informali u ntavola r-rikors odjern li qieghed jitqies ipprezentat entro t-terminu ta' sebat ijiem tax-xoghol indikat fl-artikolu 541(3).

Fir-rikors tieghu l-Avukat Generali jghid li "jidher li s-smiegh tal-kaz gie appuntat ghat-30 ta' Gunju 2005. Jinghad jidher peress illi l-esponent jinsab infurmat li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija qatt ma gie notifikat ghal dik is-seduta." Jghid li fit-30 ta' Gunju 2005 deher Anthony Cauchi li kkonferma r-rikors tieghu bil-gurament u, billi ma deher hadd ghall-appellant (allura intimat), il-Qorti tal-Magistrati rriteniet li ma kellhiex triq ohra ghajr li tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jissokta l-proceduri kriminali kontra Emanuel Stellini u Gregory Stellini. Isostni li ghalkemm in-nuqqas ta' dehra tal-Kummissarju tal-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien semplicement dovut ghall-fatt li qatt ma gie notifikat biex jidher, anke li kieku tali nuqqas kien dovut ghan-negligenza ta' l-appellant, tali inerzja qatt ma setghet twassal ghal decizjoni bhal dik li nghatat sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra persuni manifestament innocenti.

Issa, kuntrarjament ghal dak li sostna l-Avukat Generali fir-rikors tieghu, mill-atti (li waqt is-seduta tat-18 ta' Awissu 2005 id-difensur ta' l-appellant iddikjara li ma kienx ra qabel ma gie intavolat ir-rikors in ezami) jirrizulta li l-Kummissarju tal-Pulizija kien gie debitament notifikat bir-rikors ta' Anthony Cauchi. Dak ir-rikors gie pprezentat fit-8 ta' April 2005. Fil-15 ta' April 2005 l-ewwel Qorti ordnat notifika lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali bi zmien gimgha ghar-risposta u appuntatu ghas-smiegh ghas-17 ta' Mejju 2005. Gew notifikati kemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll l-Avukat Generali. Fis-6 ta' Mejju 2005 l-Avukat Generali ntavola rikors fejn talab aktar zmien sabiex ikun jista' jipprezenta risposta ghar-rikors ta' Anthony Cauchi. Fit-13 ta' Mejju 2005 il-

Kummissarju tal-Pulizija pprezenta r-risposta tieghu. Fis-17 ta' Mejju 2005, id-data li ghaliha r-rikors kien appuntat, jirrizulta mill-verbal relattiv is-segwenti:

"Meta ssejjah ir-rikors deher Dr Carmelo galea ghar-rikorrenti u deher Spettur Antonello Grech ghall-intimat.

Billi f'dan l-istadju jonqos li jsiru xi accertamenti.

Ir-rikors jibqa' differit ghat-30 ta' Gunju 2005."

Jigifieri mhux biss il-Kummissarju tal-Pulizija kien notifikat bir-rikors u d-digriet tal-15 ta' April 2005, izda sahansitra fid-data li ghaliha r-rikors kien appuntat ghas-smiegh deher l-Ispettur Antonello Grech ghall-Kummissarju tal-Pulizija. Gara izda li fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2005 deher biss r-rikorrent Anthony Cauchi assistit minn Dott. Carmelo Galea u ghall-Kummissarju tal-Pulizija ma deher hadd. L-ewwel Qorti semghet lill-imsemmi Anthony Cauchi jikkonferma r-rikors tieghu bil-gurament u ghaddiet biex tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors.

Il-verbal tat-30 ta' Gunju 2005 mnejn jirrizulta d-digriet moghti mill-ewwel Qorti, jghid testwalment hekk:

"Meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrenti assistit minn Dr. Carmelo Galea.

Ir-rikorrenti jikkonferma r-rikors tieghu bil-gurament.

Billi ma deher hadd ghall-intimat;

Il-Qorti;

M'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jissokta l-proceduri kriminali kontra Emanuel u Gregory Stellini kif rikjest fl-istess rikors."

Skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, il-funzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (u bis-sahha tas-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu, il-funzjoni ta' din il-Qorti) hi li tara jekk hemmx *prima facie* lok ghad-denunzja, rapport jew kwerela gia` maghmula minn dak li jkun (f'dan il-kaz minn Anthony Cauchi) lill-Pulizija Ezekuttiva, fuq liema denunzja, rapport jew kwerela l-Pulizija Ezekuttiva ma tkunx agixxiet.

Id-decizjoni li hadet l-ewwel Qorti kienet ibbazata fuq il-provi li kellha quddiemha (ix-xieha guramentata tar-rikorrent Anthony Cauchi) u li ovvjament dehrilha kienu bizzejjed biex hija tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm *prima facie* lok ghad-denunzja, rapport jew kwerela li kien ghamel l-istess Anthony Cauchi. Il-Kummissarju tal-Pulizija ma pproduca l-ebda prova biex jirribatti dak li kkonferma bil-gurament Anthony Cauchi. Ir-risposta tieghu ghar-rikors promotrici ma tikkostitwix prova u l-ewwel Qorti kienet gustifikata li tghaddi ghad-decizjoni li hadet. Ghalhekk il-prova li ghamel Anthony Cauchi quddiem l-ewwel Qorti ma gietx kontradetta. F'tali cirkostanzi din il-Qorti ma ssibx li ghandha tvarja d-decizjoni li hadet l-ewwel Qorti u wisq inqas li tannulla tali decizjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-30 ta' Gunju 2005.

Tordna n-notifika ta' dan il-provvediment lil Anthony Cauchi, lill-Avukat Generali u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------